**REĠJUN ĊENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru 67

Il-Ħamis, 10 ta' Marzu, 2016

Il-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun, Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippresieda.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| President tar-Reġjun | Michael Fenech Adami | Preżenti |
| Viċi-President | Stefan Cordina | Preżenti |
| Kunsillier Tas-Sliema | Paul Radmilli | Preżenti |
| Sindku L-Imsida | Margareth Baldacchino Cefai | Prezenti |
| Viċi Sindku B'Kara | Rita Borg | Prezenti |
| Kunsillier San Ġwann | Dominic Cassar | Preżenti |
| Sindku l-Gżira | Conrad Borg Manche | Prezenti |
| Sindku Ta' Xbiex | Maximillian Zammit | Assenti |
| Sindku Santa Venera | Stephen Sultana | Preżenti |
| Sindku Ħal Lija | Magda Magri Naudi | Prezenti |
| Sindku Tal-Pietà | Keith Tanti | Assenti |
| Sindku l-Iklin | Anthony Dalli | Assenti |
| Viċi Sindku Ħal Balzan | Andre Grech | Preżenti |
| Sindku San Giljan | Karl Gouder | Preżenti |

**UFFIĊJALI**

Segretarju Eżekuttiv: Jeanette Galea

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru 66 li saret nhar l-Ħamis, 11 ta’ Frar 2016, bħala moqrija.

Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Kunsillier, is-Sur Dominic Cassar, u sekondat mis-Sur Andre Grech.

## 2. MATERJI LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI

Is-Sur Dominic Cassar għamel referenza għal punt 4.1 mill-minuti u staqsa jekk dan ir-Reġjun għandux direzzjoni professjonali mill-avukat.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat li dan l-item kien ser jiġi diskuss aktar ‘l quddiem però la tqajjem mis-Sur Cassar, is-Sinjura Galea spjegat li hi rreferiet dan il-każ lill Dr Sandra Sladden. Dr Sladden spjegat li dawk il-multi li s-Sur Cilia qala qabel mal-vettura ġiet misruqa għandhom jitħallsu u, jekk ir-Reġjun jaqbel, is-Sur Cilia jista’ jħallas ammonti fix-xahar.

Peress li r-rapport tal-pulizija kien ippreżentat, il-membri ddeċidew li jimxu fuq r-rakkomandazzjoni tal-avukat. Is-Sur Cilia għandu jiġi infurmat bid-deċiżjoni tar-Reġjun sabiex jibda jħallas il-multi pendenti fi żmien sena.

***5:40pm: is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, flimkien mal-Viċi Sindku ta’ Ħal Balzan, is-Sur Andre’ Grech, waslu għal din il-laqgħa.***

## 3. IS-SUR RAYMOND ZAMMIT U S-SINJURA ELIZABETH VASSALLO, MILL-LESA

Fis-5:45pm, il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, talab lil membri sabiex il-laqgħa tiġi sospiża peress li kienu waslu is-Sinjur Raymond Zammit, is-Sinjura Elizabeth Vassallo, flimkien mar-Regional Enforcement Officer ta’ dan ir-Reġjun, is-Sur Sandro Muscat.

Is-Sur Raymond Zammit irringrazzja lir-Reġjun tal-istedina u spjega li ser jirrispondu għall-mistoqsijiet li ġew ippreparati mill-membri u li kienu ntbagħtu permezz ta’ e-mail ġimgħa qabel din il-laqgħa.

***Ir-Reġjun għandu jkollu spjegazzjoni dokumentata bit-tibdil ta’ kif ser jitqassam id-dħul miċ-ċitazzjonijiet wara li jitnaqqsu l-ispejjeż rikorrenti.***

Is-Sur Zammit spjega li għad m’hemm l-ebda deċizjoni ċara ta kif ħa jimxu. Dan il-punt tressaq imma l-agenzija għadha fil-bidu tagħha u dawn il-punti kollha ser jippruvaw jgħelbuhom, però għad m’hemm l-ebda direzzjoni.

Is-Sinjura Vassallo żiedet tgħid li dan il-punt irid jiġi mmexxi mill-AKL mas-Segretarjat. Kif ikun hemm ftehim bejn l-AKL u s-Segretarjat, għandha tinħareġ direzzjoni lil-LESA u dawn jinfurmaw lir-Reġjuni.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal li anke hu jista' jikkonferma dan peress li Dr Buontempo kien infurmat li din għada ma ġietx diskussa.

Is-Sur Zammit spjega li, jekk m'hemm l-ebda oġġezzjoni mill-membri preżenti, dawn il-punti ser jitqajmu mal-On. Stefan Buontempo.

Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni min-naħa tal-membri preżenti.

***Dan ir-Reġjun għandu jkollu spjegazzjoni dokumentata dwar il-ħlasijiet li għandhom jitħallsu mir-Reġjun wara li dawn għandhom ikunu awtorizzati mil-LESA.***

Għal din il-mistoqsija s-Sinjura Vassallo spjegat li l-istess bħall-ewwel mistoqsija, għalissa l-Aġenzija m'għandha l-ebda spjegazzjoni u għalkemm ir-Reġjun bagħat l-iskeda ta' ħlasijiet u kopja tal-minuti approvati, dawn ma jistgħux jinħarġu flus peress li għandha tinħareġ direttiva ġdida ta' kif ser jinħarġu l-*expenses.* Is-Sinjura Vassallo spjegat li dwar dan il-punt diġà saret laqgħa mas-Sur Michael Cohen u l-Accountant tal-Aġenzija.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li dan ir-Reġjun qed joħroġ l-ispejjez u mhux qed ikollu dħul. Żied jgħid li dan il-punt iddiskutih mal-On. Buontempo fejn dan ikkonferma li dan il-punt għadu ma ġiex diskuss.

Is-Sinjura Vassallo spjegat li kif l-Aġenzija tingħata deċizjoni, huma ser jgħaddu l-ħlasijiet lura.

Il-Kunsillier ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, qal li dawn id-deċizjonijiet kellhom jittieħdu qabel ma l-Aġenzija bdiet tiffunzjona u mhux jitfasslu wara li din diġà bdiet topera.

Is-Sinjura Vassallo spjegat li l-Aġenzija m'għandhix x'taqsam ma' din id-deċizjoni.

***17:51 – is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Karl Gouder wasal għal din il-laqgħa.***

***LESA għandha l-awtorità li tbiddel xi sinjali tat-traffiku (Speed Camers u CCTV Cameras), mingħajr konsultazzjoni mar-Reġjun u l-Kunsill Lokali konċertnat?***
***Dan ir-Reġjun ġie infurmat nhar Tlieta 16 ta' Frar 2016 mill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan li tpoġġew żewġ CCTV Camera's madwar tliet xhur ilu. Dan ir-Regjun qatt ma kien infurmat li ser jitwaħħlu dawn il-cameras. Il-Kunsilli Lokali ta' San Ġiljan staqsa jekk dan ir-Reġjun kienx ikkonsultat dwar dan peress li kien qed jirċievi diversi lmenti. Ir-Reġjun għandu jkun infurmat dwar żvilluppi dwar dan.***

Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Karl Gouder, spjega li f'dawn l-aħħar ġimgħat il-Kunsill tiegħu kien qed jirċievi diversi lmenti fuq ċitazzjonijiet li kienu qed jinħarġu minn CCTV Camera. L-ammont ta'

ċitazzjonijiet żdied u s-Sindku xtaq spjegazzjoni dwar x'seta' kien il-kaġun. Żied jgħid ukoll, li huwa jaħseb li kien hemm xi tibdil fit-*timing* ta' kull meta tingħata ċitazzjoni.

Għalkemm diġa kien hemm korrispondenza bl-e-mails dwar ic-CCTV Camera's f'San Ġiljan, is-Sinjura Vassallo stiednet lis-Sur Sandro Muscat sabiex jitkellem dwar dan.

Is-Sur Muscat spjega li kienet ilha għaddejja korrispondenza bejn sid il-ħanut u l-Uffiċċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler, sabiex is-CCTV Camera li kien hemm tittressaq għal fejn tinsab illum il-ġurnata.

Is-Sinjura Vassallo żiedet tgħid li kemm ilha l-Aġenzija, għadha ma saret l-ebda kamera ġdida u jekk xi darba issir, l-Aġenzija għandha titkellem mar-Reġjun flimkien mal-Kunsill Lokali kkonċernat.

Is-Sur Raymond Zammit żied jgħid li wieħed irid jevalwa jekk is-CCTV Camera li hemm fil-preżent humiex jagħmlu ġid jew le. Semma każ li f'Reġjun iehor, kien hemm kamera li qiegħdha fuq bank iżda l-kwistjoni ta' jekk hux qiegħdha fil-post tajjeb jew le tqajmet riċentament.

***5:54pm: is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, wasal għal din il-laqgħa.***

Is-Sur Ray Zammit Ray spjega li s-CCTV Camera's li hemm fil-preżent għadhom jiġu evalwati dwar jekk humiex vijabli u jaqbel li għandu jkun hemm distinzjoni bejn id-delivery vans u vetturi oħra.

Is-Sinjura Vassallo qalet li l-ħin huwa regolat skont id-dokument tat-tender. Hi spjegat li meta l-operatur ħa f'idejh is-sistema, l-Aġenzija ddeċediet li timxi skont x'kien hemm miktub fid-dokumenti tat-tender. Jekk kien hemm xi ftehim b'mod verbali bejn l-Uffiċċjal Awtorizat u l-operatur, l-Aġenzija ma kenitx taf u allura ma setgħetx timxi b'dak il-mod.

Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, staqsa jekk il-LESA kellhiex *hand-over* mill-Uffiċjali Awtoriżżati.

Is-Sur Zammit spjega li l-Aġenzija kienet bagħtet għall-Uffiċjali Awtorizzati sabiex ikun jista' jikkoopera magħhom u dawn ma kenux aċċettaw.

***Tenders li huma skaduti jew li ser jiskadu, bhat-tender tal-prosekuturi, dawn is-sejħiet ser isiru min-naħa tal-LESA jew irid jerġa' joħroġ sejħa ir-Reġjun? [Din hija mistoqsija li jagħmel l-awditur)***

Is-Sinjura Vassallo spjegat li l-Aġenzija qed tikteb kuntratti mal-*Contracts Department* flimkien mal-Ministru sabiex dawn il-kuntratti jinħarġu mil-LESA. Żiedet tgħid li l-kuntratt mal-Guard and Warden Service House Ltd. jiskadi fl-2017.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat lill-membri li l-kuntratt li għandu dan ir-Reġjun jiskadi aktar tard din is-sena u mhux fl-2017. Spjegat ukoll li din is-sitwazzjoni hija l-istess f'Reġjuni oħra. It-Tender tal-prosekuturi kienet ser tinħareġ fil-bidu tal-2015 imma kellha tiġi mwaqqfa peress li kienet ser tidħol fis-seħħ il-LESA u kienet ser toħroġ is-sejħa hi.

Is-Sinjura Vassallo spjegat li l-kuntratt mal-Guard and Warden Service House Ltd. ġie mġedded għas-sena 2017.

Is-Sinjura Galea infurmat lil membri preżenti li r-Reġjun qatt ma kien infurmat dwar dan.

***Dan ir-Reġjun ġab il-kwotazzjonijiet neċessarja sabiex tinxtara photocopier/printer/scanner u ser ikollu kuntratt għal ħames snin. Qabel ma jieħu din id-deċiżjoni, ir-Reġjun jixtieq ikun jaf jekk għandux jitkompla dan il-proċess biex isir scanning ta' dokumenti (Dan l-iscanning ser jiffaċilita s-sistema ta' dokumentazzjoni fit-tribunal). Jekk iva, dan ser jitħallas mil-LESA jew ser ikun spiża tar-Reġjun?***

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega aħjar dan il-punt.

Is-Sinjura Vassallo spejgat li l-każijiet sal-2008 jistgħu jitneħħew però dawk il-każijiet li huma '*Guilty No Show'* u dawk li għadhom 'ħajjin', ma jistgħux jiġu eliminati għax jekk jerġa' jitqajjem il-każ, il-Kummissarju jkollu bżonn id-dokumenti oriġinali.

Is-Sur Zammit talab lir-Reġjun sabiex jgħaddi l-informazzjoni ta' x'hemm sabiex ikun jista' jinbeda l-proċess.

Is-Sur Paul Radmilli qabel li għandu jsir rendikont però xtaq spjegazzjoni għalfejn hemm bżonn ta' dawn id-dokumenti.

Is-Sinjura Vassallo spjegat li l-problema hija li mis-sena 2000 dan ir-Reġjun għad għandu ammonti pendenti li jistgħu jinġabru. Jekk dan il-proċess jinbeda, jkun hemm bzonn l-inkartament – il-karta fejn fiha jkun hemm il-kummenti tal-Kummissarji. Sas-sena 2008 ir-Reġjun jista' jneħħi l-irtirati u spjegat li hija ser tiprova tagħmel mill-aħjar sabiex tkun sas-sena 2013.

Is-Sur Zammit qabel li dan l-eżerċizzju għandu jsir.

Is-Sinjura Vassallo spjegat li għalissa l-LESA ser trodd il-ħlasijiet tal-pagi li nħarġu mir-Reġjun. Però, biex dan iseħħ, ir-Reġjun għandu jgħaddi l-payslip ta' kull impjegat bil-firma tal-President flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. L-Aġenzija għandha bżonn din l-informazzjoni minħabba l-projections.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, tenna li ma jaqbilx li r-Reġjun għandu jgħaddi din l-informazzjoni għax dan kollu qed isir sabiex ikun hemm xi *cost-cutting exercise.* Apparti minn hekk, l-informazzjoni tal-ammont tal-pagi dejjem tkun imniżżla fl-iskeda tal-ħlasijiet li tiġi preżentata għall-approvazzjoni tal-membri f'kull laqgħa tar-Reġjun.

Is-Sinjura Vassallo qalet li ser tibgħat e-mail lis-Sur Michael Cohen dwar dan u kif ikun hemm direzzjoni, għandha tinforma lir-Reġjun dwar dan.

***Il-Commission fee ser tibda titħallas dirett mil-LESA lill-Kunsilli Lokali? Jekk iva, kemm ser tkun din il-fee? Ir-rata ta' 10% kif kienet qabel?***

Is-Sinjura Vassallo kkonfermat li r-rata ta' ħlas fuq il-kummissjoni ser tibqa' l-istess - dik ta' 10%.

***Suġġeriment – jista' Eco Warden jiġi impjegat (permezz tal-Guard & Warden Services House Ltd.) minn Kunsill Lokali? Jew jista' dan ir-Reġjun jimpjega Eco Warden biex idur fil-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun?***
***Dan ir-Reġjun jixtieq ikun jaf jekk hemmx Gwardjani Lokali pajżana li qed joħorġu kontravenzjonijiet fuq skart. Jekk iva, dawn huma bil-ħlas?***

Is-Sur Zammit spjega kif jekk qabel kien hemm ħames mitt gwardjan, loperat kien poġġa erbgħa gwardjani lokali fuq eco issue, pero kienet qed tindara li għax gwardjan ikun eco warden, ma jgħatix *ċtazzjonijiet fuq affarijiet oħra avolja l-liċenzja hija l-istess.*

Żied jgħid li l-Gwardjan Lokali fuq barra jista jagħmel l-istess bħal eco warden pero ma jkunx daqshekk effettiv.

Il-Kunsillier ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli spjega li dan il-punt ma jidher imkien fil-ligi u talab sabiex is-Sinjura preżenti jgħidulna fejn tinsab fil-liġi.

Is-Sinjura Vassallo ser tibgħat e-mail fejn tikkowata l-ligi dwar dan. Hija spjegat li jekk ikun hemm xi ħadd qed jikser il-liġi, il-Gwardjan Lokali għandu joħroġ ċitazzjoni diment li l-persuna jkun qabdaha fil-fatt.

Is-Sur Zammit jifhem il-punt tal-membri li l-Eco Wardens huma spiża kbira u ma jrendux pero spjega li skond il-Union, il-Gwardjani jkunu jridu jkunu tnejn u minħabba dawn l-problemi, l-ispiża tkompli tikber.

Is-Sinjura Vassallo spjegat li bha Reġjun ma jistawx jiġu mpjegati l-ebda Gwardjani peress li dawn huma diġa mpjegati tas-Sur De Martino. Pero, din il-proposta tista' titressaq min-naħa tar-Reġjun. Żiedet tgħid li l-kuntratt li hemm fil-preżent mal-Guward and Warden Service House Ltd. ser jiġi mġedded sa l-2017 u wara ser tinħareġ tender waħda għar-Reġjuni kollha.

Is-Sur Michael Fenech Adami spjega li kien hemm ċirkustanzi fejn triq kienet magħluqa mis-Signal 8 u mhux bill-Gwardjani Lokali.

Is-Sur Zammit spjega li kif sar jaf dwar dan, l-operatur ġie ordnat biex jitwaqqaf milli jkompli jaħdem immedjatament.

Is-Sur Fenech Adami staqsa ukoll jekk ir-Reġjun jistax jingaġġa lil Health and Safety officers sabiex ikunu jistgħu jduru l-permessi li jkunu nħargu mill-Kunsilli Lokali.

Is-Sur Zammit spjega li l-Gwardjani Lokali jistgħu jiċċekjaw il-Health and safety iżda kull ma jara jekk hemmx permess.

Is-Sur Paul Radmilli spjega li l-Kunsill tiegħu jsib diffikulta fuq is-sistema ta' kif jiġi ddevjat it-traffiku bl-għajnuna tal-Gwardjani Lokali. Huwa qal li l-problema hija li meta jiġu biex jikkomunikaw qabel ma jittella' l-krejn u x'jiġri meta jittella' l-krejn, l-affarijiet isiru bil-kontra.

Is-Sur Zammit spjega li dan il-punt diġà tqajjem mas-Sindku ta' tas-Sliema u qablu li għandu jkun hemm pjan u jekk hemm bżonn ikun hemm *enforcement officer* minn Transport Malta u jekk hemm bżonn għandu jkun hemm anke avviż fil-gazzetta tal-Gvern.

Is-Sur Radmilli spjega li b'xi mod id-diskors qed jintilef. Għalkemm fuq il-premess ikun hemm miktub kif għandu jiġi devjat it-traffiku, il-Gwardjani Lokali jispiċċaw jmexxu d-direzzjoni tat-traffiku bil-kontra.

Is-Sinjura Vassalo qalet li biex dan jiġi evitat, tajjeb li l-Kunsill Lokali jżid site plan u jekk hemm bżonn il-Gwardjan għandu jirraporta lill-Kunsill l-ewwel ħaġa qabel ma jibda x-xogħol.

Is-Sinjura Vassallo żiedet tgħid ukoll li jekk ir-Reġjun għandu x-xewqa li jkollu Eco wardens, għandha titressaq talba lil-LESA u din tinħadem mal-REO u jitqassam bejn ir-Reġjun

***Rotot tal-Gwardjani Lokali – Il-Kunsilli Lokali ta' dan ir-Reġjun kien jiġi konsultat dwar ir-rotot li qed jieħdu l-Gwardjani Lokali u l-membri jħossu li dan it-tip ta' konsultazzjoni għandha tibqa' ssir.***

Is-Sinjura Vassallo spjegat li meta LESA daħlet fis-seħħ, l-aġenzija qed tara li l-Gwardjani Lokali qed imorru f'kull Triq u m'hemm l-ebda Triq li hija 'out of bounds'.

Is-Sur Radmilli qal li l-Kunsill Lokali għandu jgħid il-hot spots fejn huma għax tkun unutli li l-Gwardjan jmur f'postijiet li dejjem jimxu skond il-liġi.

Is-Sinjura Vassallo qablet mas-suġġeriment tas-Sur Radmilli u spjegat li diġa hemm Kunsilli Lokali li qedin jibgħatu e-mails lill-LESA jinfurmawhom fejn il-Gwardjani Lokali għandhom imorru.

Is-Sur Michael Fenech Adami tkellem dwar kif l-aġenzija għandha tara li l-Gwardjani Lokali jedukaw aktar milli jagħtu ċitazzjonijiet.

Is-Sur Zammit spjega li qed isir aktar *awareness* u hemm anke pjan ta' aktar edukazzjoni lill-Gwardjani Lokali.

Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, issuġġeriet li għandu jkun hemm software apposta bejn il-Gwardjani Lokali u bejn il-Pulizija fuq il-*warnings*.

Is-Sinjura Vassallo spjegat li s-sistema lesta u l-aġenzija qedha tistenna l-approvazzjoni.

***Suġġeriment – ikun hemm upgrades fiċ-ċitazzjonijiet, speċjalment fejn jirrigwardja kostruzzjoni ta' bini.***

***L-Aġenzija qed tiġi finanzjata mid-dħul taċ-ċitazzjonijiet, jew qed tingħata fondi mill-Gvern?***

Is-Sinjura Vassalli spjegat li l-Aġenzija ma ngħatat l-ebda fondi mill-Gvern u li għal kontra ta' dan, l-Aġenzija bdiet bit-telf. L-aġenzija hija *self-sustainable*, kif kienu r-Reġjuni qabel ma l-Aġenzija daħlet fis-seħħ.

IL-Kunsillier ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech spjega li din id-domanda saret sabiex dan ir-Reġjun ikun jaf kif id-dħul taċ-ċitazjonijiet hux ser jaffettwa d-dħul tar-Reġjun għax issa kulħadd irid jiekol mill-istes platt.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, tenna jgħid li, fl-opinjoni tiegħu, din is-sistema mhux ħa tkun sostenibbli.

***Sa din il-ġurnata, dan ir-Reġjun għandu żewġ talbiet ta' speed cameras (Ħ'Attard u tas-Sliema) li huma pendenti mit-Transport Malta. Talbiet bħal dawn iridu jiġu awtorizzati mil-LESA?***

Is-Sinjura Vassallo spjegat li talbiet ta' Speed cameras għaddew lil Transport Malta u kellhom laqgħa mas-Sinjura Audrey Testaferrata De Noto peress li dawn twaqqfu.

Il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech, spjega li l-Kunsill Lokali tiegħu kien talab għal speed camera fi Triq Birbal u staqsa jekk camera bħal din tridx titwaħħal bilfors f'main road.

Is-Sinjura Vassallo spjegat li l-Aġenzija ma tidħolx fiha. It-Talba tittressaq lil Transport Malta u kif tagħti l-awtorizzazzjoni, il-LESA terġa' titkellem mal-Kunsill kkonċernat.

***Il-Kunsill Lokali li qed iservi ta' Front Office u Cash Office għall-Kumpanija tal-Wardens għandu jiġi kkumpensat għall-ispejjeż u l-ħin li jagħmel għall-booking ta' Wardens TMS?***

Is-Sinjura Vassallo taf dwar din il-problema imma spjegat li din ma taqax taħt il-LESA peress li l-Aġenzija tieħu ħsieb biss l-infurzar. Dan huwa skont it-tender li taħtu jaqgħu l-Eco Wardens. It-*traffic management services* jaqa' taħt il-kuntratt li kull Kunsill Lokali għandu u mhux bħala Reġjun. Dan irid jiġi indirizzat lid-Dipartiment għal Gvern Lokali dirett.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri preżenti jekk kienx hemm xi mistoqsijiet oħra li xtaqu jressqu lis-Sinjuri preżenti.

Peress li ma kien hemmx aktar mistoqsijiet, is-Sur Fenech Adami rringrazja lis-Sur Raymond Zammit, lis-Sinjura Elizabeth Vassallo, kif ukoll lis-Sur Sandra Muscat, talli laqgħu din l-istedina.

***Fis-7:13pm – Is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, flimkien mal-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, skużaw ruħhom***

## 4. KORRISPONDENZA

### 4.1 Korrispondenza mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija

Dan ir-Reġjun irċieva e-mail mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija rigward ix-xogħlijiet li saru permezz tal-fondi mil-LES. Il-proġett tal-patching fi Trejqet Kjeriku Gakbu Abela li kienu ġew approvati fil-laqgħa tar-Reġjun tat-28 ta' Mejju 2015, l-ispiza kienet ta' €13,548.42c minflok €9,032.28. Għalhekk il-Kunsill jixtieq li dan l-ammont jiġi approvat.

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija kien bagħat e-mail għall-approvazjoni dwar proġett ta' patching madwar Ħal Lija għall-ammont ta' €4,081.98 kif ukoll fuq proġett ta' mirja, sinjali u bins madwar Ħal Lija għall-ammont ta' €1192.29. Fl-istess ġurnata s-Sindku Magda Magri Naudi ressqet dawn ix-xogħlijiet fil-laqgħa ta' 11 ta' Novembru 2015 tar-Reġjun, iżda dawn ma kinux ġew imniżżla fil-minuti. Għal din ir-raġuni, dan il-punt qed jerġa' jitqajjem illum sabiex jitniżżel fil-minuti.

Dan ir-Regjun ircieva e-mail oħra mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija nhar l-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016 sabiex jiġu approvati proġetti zgħar li saru minn dan il-Kunsill.

- Installazzjoni ta' Solar Zebra Crossing Lights fi Vjal Trasfigurazzjoni - €1,200.00
- Website tal-Kunsill - €1468.20
- Kontwinazzjoni ta' xogħol ta' patching fl-inħawi ta' Hal Mann, ħdejn iċ-Ċimiterju tal-Abbati - €1,300.00
- Parti minn proġett tad-dwal fit-toroq - €861.06

Dawn il-proġetti ġew approvati mill-membri preżenti.

### 4.2 Ġbir ta' Multi Pendenti

Ir-Reġjun staqsa lill-LESA jekk dan ir-Reġjun jistax ikollu l-approvazzjoni tal-LESA sabiex jibda bil-processi legali sabiex jibda jiġbor il-multi pendenti li kien nħarġu qabel l-1 ta' Ottubru 2015 li huma ntitolati lil dan ir-Reġjun. Is-Sinjura Elizabeth Vassallo nfurmat lil dan ir-Reġjun li l-Aġenzija LESA ma ssib l-ebda oġġezzjoni illi r-Reġjun Ċentru jipproċedi bil-proċess tal-ġbir tal-multi pendenti dovuti lilu.

Ghal din ir-raguni, dan ir-Regjun talab lis-Sur Richard Sladden sabiex jipprovdi kwotazzjoni fuq l-ispejjeż involuti sabiex jinħarġu l-ittri legali. Il-Prezz huwa ta' €1.31 għal kull ittra u kull kontra-venzjoni. Dan il-ħlas jinkludi l-ispiża tal-posta (li ma taqbiżx 50g), l-ipproċessar, *stationery*, stampar fuq karti A4, stampar bl-iswed, liwi tal-karti u l-firma tal-avukat. Ittri b'ħafna kontravenzjonijiet jigu mħallsa għal kull kontravenzjoni peress li jkun qed jizdied il-possibilità li jsir il-pagament. Din il-kwotazzjoni hija bbażata fuq minimu ta' 4000 ittra. Ir-Reġjun għandu jipprovdi l-informazzjoni neċessarja. (l-ammont jiġi 5,240.00)

Sabiex ikollna t-total tal-ispiza finali, dan ir-Regjun talab lid-Datatrak sabiex tipprovdi l-informazzjoni tac-citazzjonijiet pendenti. Id-datatrak provda 'preliminary analysis' fejn dawn jinkludu repetitive offences, deceased; incomplete details; educational tickets. Is-Sinjura Rachel Bailey issuggeriet li r-Regjun għandu jiddeciedi jekk l-avukat inkarigat hux ser jitħallas bil-kummissjoni jew skont kull kontravenzjoni. Wieħed irid jieħu f'konsiderazzoni l-ħlas involut ukoll jekk il-każ jitella' l-qorti.

Is-Sinjura Galea ġibdet l-attenzjoni li l-ispiża titlob li għandha tinħareġ sejħa peress li l-ispiża totali tirrikjedi sejħa ta' offerti u peress li l-kuntratt ta' prosekutur huwa skadut.

Il-membri preżenti qablu unanimament li dan ir-Reġjun għandu jimxi fuq it-tender li għad hemm fil-preżent u juża s-servizz professjonali ta' Dott. Richard Sladden u jipproċedi.

### 4.3 Ittra mis-Sinjura Roberta Carabott

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda ittra mingħand id-Deputat Reġistatur ta' dan ir-Reġjun, is-Sinjorina Roberta Carabott, sabiex titlob lil dan ir-Regjun togħla fl-iskala. Is-Sinjura Carabott ilha impjegata minn zmien il-Kumitat Kongunt ta' Tas-Sliema fl-2002 im-bagħad kienet impjegata mal-Kumitat Kongunt ta' Birkirkara mill-2007 sakemm imbagħad ġiet impjegata ta' dan ir-Regjun mill-2011. Dejjem stinkat u tat l-għajnuna kollha tagħha. Dan l-aħħar xhur, is-seduti tat-tribunal żdiedu minn darbtejn għal ġieli erba' darbiet fil-ġimgħa u għal din ir-raġuni, is-Sinjorna Carabott kienet ta' għajnuna kbira għar-reġistratur fejn għenet billi attendiet għat-tribunal minflok ir-Registratur. Għal dan ir-raguni qed jigi rakkomandat li s-Sinjorina Carabott tiżdied minn skala 13 għal skala 11. Jekk ir-Regjun jaqbel ma' din il-proposta, ir-Regjun għandu jinforma lid-Dipartiment.

Il-membri preżenti qablu unanimament dwar dan, u kien hemm qbil li din id-deċiżjoni għandha titressaq lid-Dipartiment.

## 5. MISTOQSIJIET

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

## 6. KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li l-Kunsill tal-Gżira għadhom kif ħarġu *expression of interest* sabiex ikun hemm EU Funding Officer.

Is-Sur Fenech Adami qal li dan ir-Reġjun għandu jġib l-informazzjoni neċessarja sabiex joħroġ sejħa għal dan is-servizz professjonali sabiex b'hekk ir-Reġjun ikun jista' jibbenifika mill-fondi tal-Unjoni Ewropea.

Kien hemm qbil dwar dan bejn il-membri preżenti.

**7. TENDER GĦAL VANN**

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega kif fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun kien hemm qbil li s-Sur Conrad Borg Manche għandu jara d-dokument tat-tender qabel ma jitkompla l-proċess.

Is-Sur Borg Manche spjega li d-dokument huwa tajjeb u għalhekk dan ir-Reġjun jista' jipproċedi għas-sejħa.

**8. APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

Il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech, sekondat mis-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru 65. Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

**9. AFFARIJIET OĦRA**

***9.1 CCTV Cameras Fl-Uffiċini tar-Reġjun***

Dan ir-Reġjun kien ġabar kwotazzjonijiet ta' CCTV Cameras sabiex jitwaħħlu fl-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun. Dawn il-kwotazzjonijiet qed jerġgħu jiġu mressqa għall-approvazzjoni. Apparti minn hekk qed jitressqu ukoll kwotazzjonijiet oħra għal CCTV Cameras fl-uffiċċju tat-Tribunal tar-Reġjun.

Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex tintagħżel l-irħas kwotazzjoni.

***9.2 Kwotazzjoni ta' Perspex /Ħġieg***

Il-President spjega kif l-istaff ta' dan ir-Regjun espremew li hemm bzonn ta' aktar sigurta' fl-uffiċċju tat-tribunal u għal din ir-raġuni r-Reġjun talab għal kwotazzjoni sabiex issir perspex fuq il-bank ta' fejn ikun hemm il-kaxxier jilqa' lin-nies. Il-kwotazzjoni ser titressaq fil-laqgha li jmiss peress li għalkemm ġew fuq il-post sabiex jieħdu l-qisien, ma laħqux bagħtulna l-kwotazzjoni.

***9.3 Insurance fuq il-'Fixed Assets'***

Dan ir-Reġjun għandu jkollu assikurazzjoni fuq l-assi fissi. Għal din ir-raġuni r-Reġjun talab għal kwotazzjonijiet iżda peress li ma leħqux bagħtu l-kwotazzjonijiet, dawn ser jitressqu fil-laqgħa li jmiss.

### *10.4 TCTC – EM CITIZEN*

Fil-laqgħa preċedenti, is-Sinjura Galea kienet tkellmet dwar il-proposta li dan ir-Reġjun kien irċieva mingħand is-Sur Ray Abela (Managing Director tat-TCTC) nhar it-22 ta' Jannar 2016 fuq proġett **EM CITIZEN**. Kien ġie deċiż bejn il-membri preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat e-mail biex jistaqsi lill-Kunsilli Lokali jekk humiex interessati li jipparteċipaw. Sitt Kunsilli Lokali esprimew interess; erba' Kunsilli Lokali nfurmawna li mhumiex interessati li jippartecipaw. Tliet Kunsilli Lokali l-oħra għadhom ma taw l-ebda deciżjoni lil dan ir-Regjun. Iżda l-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan lest li jħallas €250 biss flok €350.

Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti li dan ir-Reġjun mhux ha jipparteċiepa f'din l-iskema. Pero l-informazzjoni miġbura għandha tintbagħat lis-Sur Ray Abela sabiex jagħmel kuntatt ma' dawk il-Kunsilli Lokali li espremew l-interess tagħhom għal dan il-proġett.

### *10.5 Photocopier/Printer/Scanner għall-uffiċċju amministrattiv*

Fil-laqgħa preċedeti kienu tressqu kwotazzjonijiet sabiex isir kuntratt ġdid fuq il-magna tal-photocopier li għandna fl-uffiċċju amministrattiv ta' dan ir-Reġjun. Wara l-laqgħa mar-rappreżentanti tal-LESA, dan ir-Reġjun għandu jieħu deċiżjoni. Din ser terġa titqajjem fil-laqgħa li jmiss.

### *10.6 WIFI*

Fl-aħħar laqgħa ġiet imressqa kwotazzjoni mingħand il-Malta Communications Authority sabiex ikun hawn aċċess tal-WIFI fl-uffiċċju tat-tribunal. Kien ġie deċiż li għandhom jinġabru kwotazjonijiet oħra u għal din ir-raġuni qed jitressqu tliet kwotazzjonijiet għall-approvazjoni.

Kien hemm qbil li l-WIFI isir mingħand l-aħjar offerta li kienet mingħand il-Vodafone.

### *10.7 Sage Software*

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, kienet informat lill-accountant, is-Sur Brendan Camillieri, li dan ir-Reġjun għadu juża s-Sage bħala Software u mhux is-sistema ta' Quickbooks. Dan ma sarx għar-raġuni li kienet ser terġa' tinħareġ is-sejħa tat-tender li kienet ser tiskadi. Issa li beda l-accountant il-ġdid, is-Sur Daniel Galea, dan ir-Regjun xtara l-upgrades ta' dan is-software sabiex l-accounts jibdew jitniżżlu f'dan il-programm.

### *10.8 Laqgħa ta' informazzjoni*

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, fakkret lill-membri preżenti li nhar il-Ħamis 17 ta' Marzu 2016, fil-5:30pm fl-uffiċċju aminitrattiv tar-Reġjun, ser issir laqgħa ta' informazzjoni mis-Sur Mario

Camilleri mill-kumpanija A.M.E. Health & Safety Regulations. Nappezzaw jekk tikkonfermaw l-attendenza tagħkom sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu 2016.

## 11 TMIEM

Fit-20:15 intemmet is-seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar Ħamis, 14 ta' April, 2016, fil-5.30pm.

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv

**Konfermati:**

Michael Fenech Adami
President